| A03 | Entrata żbaljata (dejta mdaħħla f'kodiċi tal-baġit ħażin) |
| A04 | Żball ta' separazzjoni (l-ammont imdaħħal fid-Dikjarazzjoni Annwali iżda mhux irreġistrat f'T104) |
| A05 | Żball ta' separazzjoni (l-ammont imdaħħal fit-T104 iżda mhux iddikjarat fid-Dikjarazzjoni Annwali) |
| A06 | Żball fil-pagament (pagament pendenti għand il-bank) |
| A07 | Korrezzjoni minħabba pagament mogħti tard |
| A08 | Żball fil-livell limitu (korrezzjoni minħabba li n-nefqa tkun qabżet il-livell limitu) |
| A09 | Tpaċija ta' ammont irrikuperabbli |
| A10 | Tpaċija ta' ammont irrikuperabbli (ir-regola ta' 50/50) |
| A11 | Korrezzjoni minħabba l-irkupru ta' djun pendenti |
| A12 | Korrezzjoni minħabba entrata doppja ta' nefqa |
| A13 | Riallokazzjoni ta' nefqa skont il-Fond (nazzjonali jew tal-Unjoni) |
| A20 | Korrezzjonijiet ta' konformità |
| A21 | Aġġustamenti fl-intitlomenti |
| A22 | Modulazzjoni mhux iddikjarata |
| A23 | Korrezzjonijiet fir-rata tal-kambju |
| A90 | Ħażna pubblika (13-il perjodu tat-tabelli P-STO) |
| A99 | Żbalji oħrajn |

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 487).

([2]) Pereżempju, kombinazzjoni korretta tista' tkun **B011a** għal differenzi relatati ma' żbalji amministrattivi fir-rigward ta' nefqiet li jkunu tħallsu skont l-Artikolu 5(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013.

| Kodiċi tal-FAEŻR | (B) It-tip ta' differenza [Dikjarazzjoni Annwali mqabbla ma' (=MINUS) Dikjarazzjoni ta' Kull Tliet Xhur (SFC2007 — SFC2014)] |
|---|---|
| B01 | Żball amministrattiv (ammonti pendenti li fil-fatt ikunu ġew irkuprati iżda jkunu għadhom ma tnaqqsux fid-Dikjarazzjonijiet ta' Kull Tliet Xhur matul il-perjodu ta' referenza, u ġew ikkreditati lill-FAEŻR permezz tad-Dikjarazzjoni Annwali) |
| B02 | Żball li jsir meta numru jiġi muri fl-eqreb unità sħiħa |
| B03 | Entrata żbaljata (dejta mdaħħla f'kodiċi tal-baġit u/jew f'qasam ta' ffukar ħażin) |
| B04 | Żball ta' separazzjoni (l-ammont imdaħħal fid-Dikjarazzjoni Annwali iżda ma tniżżilx fid-Dikjarazzjoni ta' Kull Tliet Xhur) |
| B05 | Żball ta' separazzjoni (l-ammont imdaħħal fid-Dikjarazzjoni ta' Kull Tliet Xhur iżda ma tniżżilx fid-Dikjarazzjoni Annwali) |
| B06 | Żball fil-pagament (pagament pendenti għand il-bank) |
| B11 | Korrezzjoni minħabba l-irkupru ta' djun pendenti |
| B12 | Korrezzjoni minħabba entrata doppja ta' nefqa |
| B13 | Riallokazzjoni ta' nefqa skont il-Fond (nazzjonali jew tal-Unjoni) |
| B14 | Żball fir-rata ta' kofinanzjament (l-ammont imdaħħal fid-Dikjarazzjoni Annwali b'rata żbaljata ta' kofinanzjament) |
| B15 | Żball fir-rata ta' kofinanzjament (l-ammont jiddaħħal fid-Dikjarazzjoni ta' Kull Tliet Xhur b'rata żbaljata ta' kofinanzjament) |
| B16 | Differenza minħabba r-rata ta' kofinanzjament fid-Dikjarazzjoni ta' Kull Tliet Xhur |
| B23 | Korrezzjonijiet fir-rata tal-kambju |
| B99 | Żbalji oħrajn |
| Kodiċi tat-tabella-X | (C) It-tip ta' differenza [Dikjarazzjoni Annwali mqabbla ma' (=MINUS) Tabella-X (FAEG u FAEŻR)] |
| C01 | Żball amministrattiv (ammonti pendenti li jridu jiġu rkuprati fi tmiem is-sena finanzjarja u kkreditati lill-FAEG/lill-FAEŻR permezz tad-Dikjarazzjoni Annwali) |
| C02 | Żball li jsir meta numru jiġi muri fl-eqreb unità sħiħa |
| C03 | Entrata żbaljata (dejta mdaħħla f'kodiċi tal-baġit ħażin) |
| C04 | Żball ta' separazzjoni (l-ammont imdaħħal fid-Dikjarazzjoni Annwali iżda ma jiġix irreġistrat fit-tabella-X) |
| C05 | Żball ta' separazzjoni (l-ammont imdaħħal fit-tabella-X iżda ma tniżżilx fid-Dikjarazzjoni Annwali) |
| C06 | Żball fil-pagament (pagament pendenti għand il-bank) |
| C07 | Korrezzjoni fid-Dikjarazzjoni Annwali minħabba pagament mogħti tard |
| C08 | Żball fil-livell limitu (korrezzjoni fid-Dikjarazzjoni Annwali minħabba li n-nefqa tkun qabżet il-livell limitu) |
| C09 | Tpaċija ta' ammont irrikuperabbli |

| | |
|---|---|
| C10 | Tpaċija ta' ammont irrikuperabbli (ir-regola ta' 50/50) |
| C11 | Korrezzjoni minħabba l-irkupru ta' djun pendenti |
| C12 | Korrezzjoni minħabba entrata doppja ta' nefqa |
| C13 | Riallokazzjoni ta' nefqa skont il-Fond (nazzjonali jew tal-Unjoni) |
| C14 | FAEŻR: Żball fir-rata ta' kofinanzjament (l-ammont imdaħħal fid-Dikjarazzjoni Annwali b'rata żbaljata ta' kofinanzjament) |
| C15 | FAEŻR: Żball fir-rata ta' kofinanzjament (l-ammont imdaħħal fit-tabella-X b'rata żbaljata ta' kofinanzjament) |
| C20 | Korrezzjonijiet ta' konformità |
| C21 | Aġġustamenti fl-intitolamenti |
| C22 | Modulazzjoni mhux iddikjarata |
| C23 | Korrezzjonijiet fir-rata tal-kambju |
| C24 | FAEG — jinżamm 25 % fuq l-ammonti li jirriżultaw minn kundizzjonalità [1] |
| C25 | FAEG — jinżamm 20 % fuq l-ammonti li jiġu rkuprati wara li jkun hemm irregolaritajiet [2] |
| C98 | Dejta tat-Tabella-X li mhux meħtieġa |
| C99 | Żbalji oħrajn |

[1] L-Artikolu 100 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.
[2] L-Artikolu 55 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

4.4. Il-fajls li jissodisfaw ir-regoli għandhom isegwu l-istruttura li ġejja (eżempju għas-sena finanzjarja tal-2015):

F100;F109;Exco;F106

AT01;050207991403011;A03;+505.90

*L-ammont iddikjarat fid-Dikjarazzjoni Annwali huwa EUR 505.90 aktar mill-ammont iddikjarat (bi żball) fid-dikjarazzjonijiet ta' kull xahar [Tabelli 104].*

AT01;050208120000021;A03;-505.90

*L-ammont iddikjarat fid-Dikjarazzjoni Annwali huwa EUR 505.90 inqas mill-ammont iddikjarat (bi żball) fid-dikjarazzjonijiet ta' kull xahar [Tabelli 104].*

AT01;050302062120054;A01;-125.80

*L-ammont iddikjarat fid-Dikjarazzjoni Annwali huwa EUR 125.80 inqas mill-ammont iddikjarat fid-dikjarazzjonijiet ta' kull xahar [Tabelli 104] minħabba l-korrezzjoni ta'"żbalji amministrattivi".*

AT01;050302072121141;C04;+31.05

*L-ammont iddikjarat fid-Dikjarazzjoni Annwali huwa EUR 31.05 aktar mill-ammont irreġistrat fit-tabella-X minħabba problema ta' separazzjoni.*

AT01;050460010153201;B014a;-100.00

AT01;050460010153201;B014c;-50.00

*L-ammont iddikjarat għall-miżura 015 fid-Dikjarazzjoni Annwali huwa EUR 150.00 inqas mill-ammonti rreġistrati permezz tad-dikjarazzjonijiet ta' kull tliet xhur [SFC2014] minħabba żbalji amministrattivi. Kien hemm żball amministrattiv fi tranżazzjoni ta' EUR 100.00 li ġiet irreġistrata fil-qasam ta' ffukar 4a u żball amministrattiv ieħor f'pagament fil-qasam ta' ffukar 4c.*

*Il-kodiċi biex jiġu indikati l-iżbalji amministrattivi jiġi estiż b'żewġ ċifri li jindikaw il-qasam ta' ffukar (għal perjodu ta' programmazzjoni mill-2014 sal-2020 biss).*

AT01;050302072121142;C05;-81.00

AT01;050405011321001;B02;+3.04

AT01;050405013211001;C15;+3075.07

AT01;050405013211001;C14;-688.23

eċċ.

4.5. Il-fajls ta' "difference-explanation" għandhom jintbagħtu permezz tal-programm STATEL/eDAMIS f'kunsinna tat-tip "DIFFERENCE-EXPLANATION".

5. **Dokumentazzjoni (lista tal-kodiċijiet)**

5.1 Meta jintużaw kodiċijiet għat-taqsimiet, li għalihom l-Anness III ma jinfurzax kodiċijiet standard, il-korp ta' koordinazzjoni tal-Istat Membru jrid jittrasferixxi lista tal-kodiċijiet għal kull aġenzija tal-pagamenti permezz tal-programm STATEL/eDAMIS biex jispjega dawk il-kodiċijiet kollha li jkunu ntużaw.

5.2 Din il-lista tal-kodiċijiet jista' jkollha d-dehra u l-għamla ta' ittra ordinarja. L-identità tal-aġenzija tal-pagamenti u l-isem jew l-unità amministrattiva tad-destinatarju għandhom ikunu mmarkati b'mod ċar.

5.3 L-eDAMIS client jinkludi tip speċifiku ta' kunsinna għal dan it-tip ta' trasferiment tabulari, jiġifieri "CODE-LIST".

6. **Trasferiment tad-dejta**

Il-korp ta' koordinazzjoni jrid jibgħat il-fajls tal-kompjuter kompluti u darba biss.

Jekk il-korp ta' koordinazzjoni jinnota li ntbagħtet dejta falza jew li nqalgħet problema bit-trasferiment tad-dejta, il-Kummissjoni trid tiġi mgħarrfa minnufih. Iridu jiġu indikati l-fajls kollha li jkun fihom informazzjoni żbaljata. Għaldaqstant, il-Kummissjoni trid tintalab tħassar dawk il-fajls. Minn hemm 'il quddiem, sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni tar-reġistrazzjonijiet fil-kompjuter jew tal-fajls tad-dejta, il-korp ta' koordinazzjoni jrid jibgħat il-fajls tal-kompjuter ikkoreġuti biex jieħdu post għalkollox l-informazzjoni żbaljata li kien hemm qabel.

*ANNESS III*

**"DOKUMENT INFORMALI"**

## Sena finanzjarja 2016

WERREJ


| | | |
|---|---|---|
| 1 | Dejta marbuta mal-pagamenti: | 41 |
| 1.1 | F100: isem l-aġenzija tal-pagamenti | 41 |
| 1.2 | F101: numru ta' referenza tal-pagament | 41 |
| 1.3 | F103: tip ta' pagament | 41 |
| 1.4 | F105: pagament b'sanzjoni | 42 |
| 1.5 | F105B: kundizzjonalità: applikazzjoni tas-sanzjoni amministrattiva | 42 |
| 1.6 | F105C: ammont (f'euro) mhux imħallas: tnaqqis jew esklużjoni mill-pagamenti b'riżultat ta' verifiki amministrattivi u/jew fuq il-post | 42 |
| 1.7 | F106: ammont f'euro | 42 |
| 1.8 | F106A: nefqa pubblika f'euro | 42 |
| 1.9 | F107: unità tal-munita | 43 |
| 1.10 | F108: data tal-pagament | 43 |
| 1.11 | F109: il-kodiċi baġitarja | 43 |
| 1.12 | F110: sena tal-kummerċjalizzazzjoni, sena kalendarja jew perjodu kalendarju | 43 |
| 2 | Dejta marbuta mal-benefiċjarju (applikant): | 43 |
| 2.1 | F200: kodiċi ta' identifikazzjoni | 43 |
| 2.2 | F201: isem | 43 |
| 2.3 | F202A: indirizz tal-applikant (it-triq u n-numru) | 43 |
| 2.4 | F202B: indirizz tal-applikant (il-kodiċi postali nazzjonali) | 43 |
| 2.5 | F202C: indirizz tal-applikant (il-muniċipalità jew il-belt) | 43 |
| 2.6 | F205: impriża f'reġjun żvantaġġat | 43 |
| 2.7 | F207: reġjun u subreġjun fl-Istat Membru | 44 |
| 2.8 | F220: kodiċi tal-identifikazzjoni tal-organizzazzjoni intermedja | 44 |
| 2.9 | F221: isem l-organizzazzjoni intermedja | 44 |
| 2.10 | F222B: indirizz tal-organizzazzjoni (il-kodiċi postali internazzjonali) | 44 |
| 2.11 | F222C: indirizz tal-organizzazzjoni (il-muniċipalità jew il-belt) | 44 |
| 3 | Dejta relatata mal-applikazzjonijiet għall-għajnuna jew mat-talbiet għal pagamenti: | 44 |
| 3.1 | F300: numru tal-applikazzjoni għall-għajnuna jew tat-talba għal pagamenti | 44 |
| 3.2 | F300B: data tal-applikazzjoni għall-għajnuna jew tat-talba għal pagamenti | 44 |
| 3.3 | F301: numru tal-kuntratt/tal-proġett (fejn applikabbli) | 44 |
| 3.4 | F304: uffiċċju tal-awtorizzazzjoni | 45 |

| | | |
|---|---|---|
| 3.5 | F305: numru taċ-ċertifikat/tal-liċenzja | 45 |
| 3.6 | F306: data tal-ħruġ taċ-ċertifikat/tal-liċenzja | 45 |
| 3.7 | F307: uffiċċju fejn jinżammu d-dokumenti ta' prova | 45 |
| 4 | Dejta marbuta mal-garanzija: | 45 |
| 4.1 | F402: ammont tal-garanzija tal-ipproċessar (apparti l-garanziji tal-offerti) f'euro | 45 |
| 5 | Dejta marbuta mal-prodotti: | 45 |
| 5.1 | F500: kodiċi tal-prodott/kodiċi tas-submiżura tal-iżvilupp rurali | 45 |
| 5.2 | F502: kwantità mħallsa (numru ta' annimali, ettari, eċċ.) | 46 |
| 5.3 | F503: kwantità koperta bl-applikazzjoni għall-pagament ippreżentata (il-kwantità mitluba) | 46 |
| 5.4 | F508A: erja koperta bl-applikazzjoni għall-pagament ippreżentata | 46 |
| 5.5 | F508B: erja koperta bil-pagament li sar | 46 |
| 5.6 | F509A: erja dikjarata ħażin | 46 |
| 5.7 | F510: Ir-Regolament tal-Unjoni u n-numru tal-Artikolu | 46 |
| 5.8 | F511: rata ta' għajnuna tal-FAEG (f'euro) għal kull unità ta' kejl | 47 |
| 5.9 | F531: qawwa alkoħolika totali skont il-volum | 47 |
| 5.10 | F532: qawwa alkoħolika naturali skont il-volum | 47 |
| 5.11 | F533: żona ta' vitikultura | 47 |
| 6 | Dejta b'rabta mal-verifiki fuq il-post | 47 |
| 6.1 | F600: verifiki fuq il-post | 47 |
| 7 | Dejta marbuta mal-intitolamenti għal pagament: | 48 |
| 7.1 | F700: ammont tal-intitolament għal pagament f'euro | 48 |
| 7.2 | F702: erja koperta bil-pagament li sar | 48 |
| 7.3 | F703: ammont tal-intitolament għal pagament f'euro | 48 |
| 7.4 | F703A: erja koperta bl-applikazzjoni għal pagament ippreżentata | 48 |
| 7.5 | F703B: erja ddeterminata | 49 |
| 7.6 | F703C: erja mhux misjuba | 49 |
| 7.7 | F707: ammont tal-intitolament għal pagament f'euro | 49 |
| 7.8 | F707A: numru ta' unitajiet ta' bhejjem (LU — livestock units) fil-perjodu ta' referenza | 49 |
| 7.9 | F707B: numru ta' LU ddikjarat | 49 |
| 7.10 | F707C: numru ta' LU determinat | 49 |
| 8 | Dejta addizzjonali marbuta mar-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni: | 49 |
| 8.1 | F800: piż nett/kwantità netta | 49 |
| 8.2 | F800B: unità tal-kejl għat-taqsima F800 | 50 |
| 8.3 | F801: numru tal-applikazzjoni (rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni: DAU — Dokument Amministrattiv Uniku) | 50 |
| 8.4 | F802: uffiċċju doganali responsabbli għat-tqegħid taħt is-superviżjoni tad-dwana | 50 |
| 8.5 | F802B: uffiċċju doganali tal-ħruġ | 50 |

8.6 F804: kodiċi tar-rifużjoni fuq l-esportazzjoni ... 50
8.7 F805: kodiċi għad-destinazzjoni ... 51
8.8 F808: data tal-iffissar bil-quddiem ... 51
8.9 F809: l-aħħar jum ta' validità (l-iffissar bil-quddiem) ... 51
8.10 F812: referenza tas-sejħa għall-offerti jekk applikabbli (l-iffissar bil-quddiem) ... 51
8.11 F814: jum li fih tiġi aċċettata d-dikjarazzjoni tal-pagament (COM-7) ... 51
8.12 F816: data li fiha tiġi aċċettata d-dikjarazzjoni tal-esportazzjoni ... 51
8.13 F816B: data tal-esportazzjoni mit-territorju tal-Unjoni ... 51

**Kumment ġenerali: is-sinifikat tal-kodiċijiet X, A u D li jidhru fl-Anness I:**

L-informazzjoni kollha mmarkata "X" jew "A" hi obbligatorja.

"X" = element ta' dejta li diġà kien inkluż fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1067/2014.

"A" = element ta' dejta li jrid jiżdied meta mqabbel ma' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

"D" = element ta' dejta li jrid jitħassar meta mqabbel ma' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

Meta f'xi ċirkostanzi partikulari, it-talba għad-dejta ma tkunx tagħmel sens jew ma tkunx tapplika għall-Istati Membri kkonċernati, allura niżżel il-valur "NULL", li għandu jkun irrappreżentat b'żewġ punt u virgola wara xulxin (;;) fil-fajl tad-dejta bil-format CSV jew niżżel valur ta' żero (0.00).

1 DEJTA MARBUTA MAL-PAGAMENTI:

Rimarka preliminari: F'din it-taqsima, it-terminu "pagament" jirreferi kemm għall-pagamenti u għall-irċevuti tal-FAEG kif ukoll tal-FAEŻR.

## 1.1 F100: isem l-aġenzija tal-pagamenti

Format meħtieġ: irid jiġi espress b'kodiċi (ara l-lista tal-kodiċijiet F100 li tinżamm aġġornata fil-CAP-ED):

https://webgate.ec.europa.eu/agriportal/awaiportal

## 1.2 F101: numru ta' referenza tal-pagament

In-numru ta' referenza li jidentifika l-pagament b'mod ċar fil-kontijiet tal-aġenzija tal-pagamenti. It-tneħħijiet marbutin mal-għajnuna għall-ikel ma għandhomx jitqiesu bħala bejgħ ta' prodotti tal-intervent. F'dan il-każ partikulari, it-taqsima F101 tista' tiġi injorata.

## 1.3 F103: tip ta' pagament

Format meħtieġ: irid jiġi espress b'kodiċi magħmula minn karattru wieħed li jikkorrispondi mal-lista tal-kodiċijiet li ġejja:

| Kodiċi | Sinifikat |
|---|---|
| 0 | Għajnuna għall-ikel |
| 1 | Pagament bil-quddiem |
| 2 | Pagament finali (l-ewwel u l-uniku pagament, jew is-saldu tal-bilanċ wara pagament bil-quddiem, pagament parzjali, jew pagament normali għar-rifużjoni tal-esportazzjoni) |

| Kodiċi | Sinifikat |
|---|---|
| 3 | Irkupru/rimborż (wara sanzjoni)/korrezzjoni |
| 4 | Dħul tal-ammonti (li qabilhom ma kienx hemm pagament bil-quddiem jew pagament finali) |
| 5 | Pagament ta' prefinanzjament għar-rifużjoni tal-esportazzjoni |
| 6 | L-ebda tranżazzjoni finanzjarja |
| 7 | Pagament parzjali |

1.4 **F105: pagament b'sanzjoni**

Format meħtieġ: iva = "Y"; le = "N".

1.5 **F105B: kundizzjonalità: applikazzjoni tas-sanzjoni amministrattiva**

Għall-FAEG u għall-FAERŻ, it-taqsima F105B trid tintuża biex tindika l-ammont tas-sanzjoni amministrattiva msemmija fl-Artikolu 91 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013. Dan l-ammont negattiv (f'euro), li jirriżulta minn sistema ta' kontroll tal-kundizzjonalità, irid jintwera darba biss għal kull benefiċjarju taħt il-kodiċijiet korrispondenti tal-baġit.

Format meħtieġ: +99… 99.99 or -99… 99.99, fejn id-9 jindika ċifra minn 0 sa 9.

1.6 **F105C: ammont (f'euro) mhux imħallas: tnaqqis jew esklużjoni mill-pagamenti b'riżultat ta' verifiki amministrattivi u/jew fuq il-post**

It-taqsima trid tintuża biex tindika l-ammont imnaqqas jew eskluż abbażi ta' verifiki amministrattivi u/jew fuq il-post skont ir-regolament rilevanti għas-settur.

L-ammont li jirriżulta mill-kundizzjonalità għandu jiġi rrappurtat fit-taqsima F105B u konsegwentement, ma għandux jifforma parti mill-ammont (negattiv) li jrid jiġi rrapportat fit-taqsima F105C.

Format meħtieġ: +99… 99.99 jew -99… 99.99, fejn id-9 jindika ċifra minn 0 sa 9.

1.7 **F106: ammont f'euro**

L-ammont ta' kull oġġett individwali ta' pagament f'euro.

L-ammonti fit-taqsima F106 għandhom ikunu relatati biss man-nefqa tal-FAEG u l-FAEŻR. In-nefqa nazzjonali ma għandhiex tidher taħt din l-intestatura.

Għall-FAEG, it-total ta' dawk l-ammonti (F106) skont il-kodiċi baġitarja (F109) għandu jikkorrispondi mal-ammonti ddikjarati fit-tabella 104.

Għall-FAEŻR, it-total ta' dawk l-ammonti (F106) skont il-kodiċi baġitarja (F109) għandu jikkorrispondi mal-ammonti kkalkolati fid-dikjarazzjonijiet tan-nefqa ta' kull tliet xhur għall-istess perjodu.

Format meħtieġ: +99… 99.99 jew -99… 99.99, fejn id-9 jindika ċifra minn 0 sa 9.

1.8 **F106A: nefqa pubblika f'euro**

L-ammont ta' kwalunkwe kontribuzzjoni pubblika għall-finanzjament ta' operazzjonijiet li joriġinaw mill-baġit tal-Istat Membru, tal-awtoritajiet reġjonali jew lokali, tal-Unjoni u kull nefqa simili.

Bħala prinċipju, it-total ta' dawk l-ammonti (F106A) skont il-kodiċi baġitarja (F109) għandu jikkorrispondi mal-ammonti ddikjarati bħala nefqa pubblika fid-dikjarazzjonijiet tan-nefqa ta' kull tliet xhur għall-istess perjodu.

Format meħtieġ: +99… 99.99 jew -99… 99.99, fejn id-9 jindika ċifra minn 0 sa 9.

1.9 **F107: unità tal-munita**

Format meħtieġ: EUR

1.10 **F108: data tal-pagament**

Id-data li tiddetermina x-xahar tad-dikjarazzjoni lill-FAEG/FAEŻR.

Format meħtieġ: "SSSSXXJJ" (is-sena f'erba' ċifri, ix-xahar f'żewġ ċifri, il-jum f'żewġ ċifri).

1.11 **F109: il-kodiċi baġitarja**

Għall-FAEG, trid tingħata l-kodiċi sħiħa tal-istruttura tal-Ibbaġitjar Ibbażat fuq l-Attività, inkluż it-titolu, il-kapitolu, l-artikolu, il-partita u s-subpartita.

Għall-partita tal-baġit tal-FAEŻR 05040501, is-subpartiti tal-baġit iridu jingħataw kif deskritt fit-taqsima 1.2 tal-Anness IV.

Għall-partita tal-baġit tal-FAEŻR 05046001, is-subpartiti tal-baġit iridu jingħataw kif deskritt fit-taqsima 2.2 tal-Anness IV.

Il-format meħtieġ tal-ABB mingħajr spazji: "999999999999999", fejn id-9 jindika ċifra minn 0 sa 9.

1.12 **F110: sena tal-kummerċjalizzazzjoni, sena kalendarja jew perjodu kalendarju**

Għall-prodotti tal-intervent, is-sena tal-kummerċjalizzazzjoni li magħha jikkorrispondi l-prodott jew il-perjodu tal-kwota li għandu jitpaċa miegħu.

Għal miżuri tal-FAEŻR li mhumiex relatati mal-erja jew mal-annimali, hi s-sena kalendarja tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni inizjali għall-għajnuna finanzjarja. Għall-impenji multiannwali, relatati, pereżempju, ma' miżuri bbażati fuq l-erja jew l-annimali, hi s-sena kalendarja li fiha nbeda l-impenn.

2 DEJTA MARBUTA MAL-BENEFIĊJARJU (APPLIKANT):

Rimarka preliminari: It-taqsimiet F200, F201, F202A, F202B u F202C iridu dejjem jintużaw biex jidentifikaw il-benefiċjarju ta' pagament, jiġifieri l-benefiċjarju finali. It-taqsimiet F220, F221, F222B u F222C jistgħu jintużaw biss meta pagament jingħata lill-benefiċjarju permezz ta' organizzazzjoni intermedjarja. It-taqsima F207 hi marbuta biss mat-taqsima F200.

2.1 **F200: kodiċi ta' identifikazzjoni**

L-identifikatur uniku individwali għandu jiġi garantit fis-sistemi tal-IT tal-aġenzija tal-pagamenti għal kull applikant fil-livell tal-Istati Membri għall-pagamenti kollha.

2.2 **F201: isem**

L-isem u l-kunjom tal-applikant, jew l-isem kummerċjali.

2.3 **F202A: indirizz tal-applikant (it-triq u n-numru)**

2.4 **F202B: indirizz tal-applikant (il-kodiċi postali nazzjonali)**

2.5 **F202C: indirizz tal-applikant (il-muniċipalità jew il-belt)**

2.6 **F205: impriża f'reġjun żvantaġġat**

L-appoġġ għal impriża f'żona żvantaġġata jrid ikun indikat hawnhekk.

Format meħtieġ: iva = "Y"; le = "N".

2.7 **F207: reġjun u subreġjun fl-Istat Membru**

Il-kodiċi tar-reġjun u tas-subreġjun (NUTS 3) hi ddefinita bl-attivitajiet ewlenin tal-impriża tal-benefiċjarju li għaliha hu assenjat il-pagament.

Il-kodiċi "Reġjun Extra" (MSZZZ) għandha tiġi indikata biss fil-każijiet fejn, pereżempju, ma jkun jeżisti l-ebda kodiċi NUTS 3.

Format meħtieġ: Il-kodiċi NUTS 3 kif speċifikata fil-lista tal-kodiċijiet tal-F207 fil-CAP-ED: https://webgate.ec.europa.eu/agriportal/awaiportal

2.8 **F220: kodiċi tal-identifikazzjoni tal-organizzazzjoni intermedja**

L-identifikatur uniku individwali allokat lill-organizzazzjonijiet intermedji fil-livell tal-Istati Membri. Il-pagament lill-benefiċjarju jsir permezz tal-organizzazzjoni intermedja, jiġifieri permezz ta' kull istituzzjoni intermedja jew direttament lil din l-organizzazzjoni.

2.9 **F221: isem l-organizzazzjoni intermedja**

Isem l-organizzazzjoni.

2.10 **F222B: indirizz tal-organizzazzjoni (il-kodiċi postali internazzjonali)**

2.11 **F222C: indirizz tal-organizzazzjoni (il-muniċipalità jew il-belt)**

3 DEJTA RELATATA MAL-APPLIKAZZJONIJIET GĦALL-GĦAJNUNA JEW MAT-TALBIET GĦAL PAGAMENTI:

3.1 **F300: numru tal-applikazzjoni għall-għajnuna jew tat-talba għal pagamenti**

Dan irid jservi biex l-applikazzjoni għall-għajnuna jew it-talba għal pagamenti tkun tista' tinstab fost il-fajls tal-Istati Membri. Għandu jkunu uniku għal interventi fis-swieq agrikoli, għajnuniet diretti u żvilupp rurali filwaqt li tiġi żgurata l-identifikazzjoni ċara tan-numru tal-applikazzjoni għall-għajnuna jew tat-talba għal pagamenti fis-sistema tal-IT tal-aġenzija tal-pagamenti.

3.2 **F300B: data tal-applikazzjoni għall-għajnuna jew tat-talba għal pagamenti**

Id-data li fiha tasal l-applikazzjoni għall-għajnuna jew it-talba għal pagamenti għand l-aġenzija tal-pagamenti jew għand wieħed mill-korpi delegati tagħha (inkluż kwalunkwe uffiċċju diviżjonali jew reġjonali tagħha).

Fil-każ ta' pagamenti fil-qafas tal-programmi nazzjonali ta' appoġġ fis-settur tal-inbid, id-data tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għandha tkun dik imsemmija fl-Artikolu 37(b) tar-Regolament tak-Kummissjoni (KE) Nru 555/2008 ([1]).

Għall-miżuri tal-iżvilupp rurali; id-data tad-dikjarazzjoni hija marbuta mat-talba għal pagamenti msemmija fil-punt 4 tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 640/2014 ([2]).

Format meħtieġ: "SSSSXXJJ" (is-sena f'erba' ċifri, ix-xahar f'żewġ ċifri, il-jum f'żewġ ċifri).

3.3 **F301: numru tal-kuntratt/tal-proġett (fejn applikabbli)**

Għall-miżuri u għall-programmi tal-FAEŻR, kull proġett irid jingħata numru ta' identifikazzjoni uniku.

([1]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 555/2008 tas-27 ta' Ġunju 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2008 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-inbid fir-rigward ta' programmi ta' appoġġ, kummerċ ma' pajjiżi terzi, potenzjal tal-produzzjoni u kontrolli fis-settur tal-inbid (ĠU L 170, 30.6.2008, p. 1).

([2]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 640/2014 tal-11 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll u l-kundizzjonijiet għar-rifjut jew l-irtirar ta' pagamenti u penali amministrattivi applikabbli għall-pagamenti diretti, l-appoġġ għall-iżvilupp rurali u l-kundizzjonalità (ĠU L 181, 20.6.2014, p. 48).

3.4 **F304: uffiċċju tal-awtorizzazzjoni**

Dan hu l-uffiċċju responsabbli għall-kontroll amministrattiv u għall-awtorizzazzjoni, eż. ir-reġjun. Din l-informazzjoni ssir aktar importanti aktar ma l-ġestjoni tal-iskema tkun iddeċentralizzata.

3.5 **F305: numru taċ-ċertifikat/tal-liċenzja**

"N" = le, jekk mhux applikabbli.

3.6 **F306: data tal-ħruġ taċ-ċertifikat/tal-liċenzja**

Din it-taqsima trid timtela meta fit-taqsima F305 jingħata numru taċ-ċertifikat/tal-liċenzja.

Format meħtieġ: "SSSSXXJJ" (is-sena f'erba' ċifri, ix-xahar f'żewġ ċifri, il-jum f'żewġ ċifri).

3.7 **F307: uffiċċju fejn jinżammu d-dokumenti ta' prova**

Timtela biss jekk dan hu differenti minn dak speċifikat fit-taqsima F304.

4 DEJTA MARBUTA MAL-GARANZIJA:

4.1 **F402: ammont tal-garanzija tal-ipproċessar (apparti l-garanziji tal-offerti) f'euro**

Fil-każ ta' pagamenti bil-quddiem fis-settur tal-inbid (il-partita baġitarja 05020908), irid jiġi indikat l-ammont tal-garanzija mogħtija.

Format meħtieġ: +99…99.99 jew -99…99.99, fejn id-9 jindika ċifra minn 0 sa 9.

5 DEJTA MARBUTA MAL-PRODOTTI:

Rimarka preliminari dwar il-kwantitajiet: bħala regola bażika, il-kwantitajiet, l-erjas u n-numru ta' annimali jridu jingħataw darba biss. Fil-każ ta' pagament bil-quddiem li jkun segwit b'pagament tal-bilanċ, il-kwantità trid titniżżel fir-reġistrazzjoni tal-pagament bil-quddiem. Dan jgħodd ukoll għal każijiet fejn il-pagament bil-quddiem u l-pagament tal-bilanċ jitniżżlu f'subpartiti baġitarji differenti (pagamenti bil-quddiem u pagamenti tal-bilanċ). L-aġġustamenti fil-kwantitajiet, fiż-żoni u fin-numru ta' annimali jridu jintwerew fir-reġistrazzjonijiet li jkopru l-pagamenti tal-bilanċ jew il-pagamenti sussegwenti. Fil-każ tat-totali rkuprati, jekk l-ammont mitlub jitnaqqas minħabba żbalji fil-kwantitajiet, fiż-żoni jew fin-numru ta' annimali, l-aġġustamenti fil-kwantitajiet iridu jiġu indikati permezz tas-simbolu tat-tnaqqis (minus).

5.1 **F500: kodiċi tal-prodott/kodiċi tas-submiżura tal-iżvilupp rurali**

L-Istati Membri jridu joħolqu l-listi tal-kodiċijiet tagħhom stess, li jridu jiġu spjegati fin-nota ta' spjegazzjoni tal-fajl(s) tal-pagamenti.

Għal miżuri ta' appoġġ akkoppjat u għal tipi speċifiċi ta' biedja jew ta' setturi agrikoli speċifiċi taħt il-partita baġitarja 05030260, iridu jiġu indikati, fejn applikabbli, kodiċi għal kull miżura, it-tip ta' biedja jew ta' settur kif innotifikat lill-Kummissjoni u kif imsemmi fl-Artikolu 67 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 639/2014 ([1]).

Fil-każ tal-miżuri għall-iżvilupp rurali taħt il-partita baġitarja tal-FAEŻR 05040501, trid tiġi indikata, jekk applikabbli, kodiċi għal kull submiżura implimentata (eż. it-tip ta' miżura agroambjentali).

Fil-każ tal-miżuri għall-iżvilupp rurali taħt il-partita baġitarja tal-FAEŻR 05046001, l-indikazzjoni ta' submiżura għandha tkun konformi mat-tabella stipulata fil-Parti 5 tal-Anness 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 808/2014 ([2]).

([1]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 639/2014 tal-11 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lil bdiewa skont skemi ta' appoġġ fi ħdan il-qafas tal-politika agrikola komuni u li jemenda l-Anness X ta' dak ir-Regolament (ĠU L 181, 20.6.2014, p. 1).

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 808/2014 tas-17 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU L 227, 31.7.2014, p. 18).

Fil-każ tar-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni: it-taqsima F500 hi meħtieġa biss jekk it-taqsima F804 ikun fiha ingredjenti li għalihom tkun iffissata r-rifużjoni tal-esportazzjoni. Imbagħad f'F500 trid tiġi indikata l-kodiċi tal-oġġetti (il-kodiċi tan-NM iddikjarata fil-kaxxa 33 tad-Dokument Amministrattiv Uniku (DAU); 8 ċifri) għall-oġġetti li mhumiex inklużi fl-Anness 1, jew il-kodiċi tal-prodott għall-prodotti agrikoli pproċessati finali.

Fil-każ tal-appoġġ speċifiku kif definit fl-Artikolu 68 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 [1] trid tiġi indikata l-miżura li għaliha jingħata l-appoġġ.

5.2 **F502: kwantità mħallsa (numru ta' annimali, ettari, eċċ.)**

Ara r-rimarka preliminari fl-intestatura 5 (id-dejta marbuta mal-prodotti).

Għas-settur tal-inbid, il-prodotti miksuba wara d-distillazzjoni għandhom jiġu espressi skont il-qawwa alkoħolika.

Għas-setturi l-oħrajn kollha, il-kwantità li għaliha jsir il-pagament għandha tiġi indikata bl-unità stipulata fir-Regolamenti rilevanti għas-settur bħala l-bażi għall-pagament tal-primjum.

Format meħtieġ: +99…99.99 jew -99…99.99, fejn id-9 jindika ċifra minn 0 sa 9. B'possibbiltà li n-numru tad-deċimali jiżdied, jekk dan ikun sinifikanti. (massimu ta' 6).

5.3 **F503: kwantità koperta bl-applikazzjoni għall-pagament ippreżentata (il-kwantità mitluba)**

Format meħtieġ: +99…99.99 jew -99…99.99, fejn id-9 jindika ċifra minn 0 sa 9. B'possibbiltà li n-numru tad-deċimali jiżdied, jekk dan ikun sinifikanti. (massimu ta' 6).

5.4 **F508A: erja koperta bl-applikazzjoni għall-pagament ippreżentata**

L-erja koperta bl-applikazzjoni.

Format meħtieġ: +99…99.99 jew -99…99.99, fejn id-9 jindika ċifra minn 0 sa 9.

5.5 **F508B: erja koperta bil-pagament li sar**

Ara r-rimarka preliminari fl-intestatura 5 (id-dejta marbuta mal-prodotti).

L-erja li għaliha jsir il-pagament.

Format meħtieġ: +99…99.99 jew -99…99.99, fejn id-9 jindika ċifra minn 0 sa 9.

5.6 **F509A: erja dikjarata ħażin**

Id-differenza bejn l-erja ddikjarata u dik imkejla. Dikjarazzjoni eċċessiva ssir meta l-erja ddikjarata tkun akbar minn dik imkejla u rrapportata permezz ta' ċifra pożittiva. Dikjarazzjoni insuffiċjenti ssir meta l-erja mkejla tkun akbar minn dik iddikjarata u rrappurtata permezz ta' ċifra negattiva.

Format meħtieġ: +99…99.99 jew -99…99.99, fejn id-9 jindika ċifra minn 0 sa 9.

5.7 **F510: Ir-Regolament tal-Unjoni u n-numru tal-Artikolu**

Fil-każ ta' prodotti tal-intervent, jinħtieġ l-istrument *ad hoc* ippubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 tad-19 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007 u li jirrevoka ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 (ĠU L 30, 31.1.2009, p. 16).

Fil-każ tal-miżuri tal-iżvilupp rurali taħt il-partita baġitarja tal-FAEŻR 05046001, trid tiġi indikata, fejn applikabbli, kodiċi għall-prijorità rispettiva magħżula tal-Unjoni (żona ta' ffukar) għall-iżvilupp rurali ([1]).

5.8 **F511: rata ta' għajnuna tal-FAEG (f'euro) għal kull unità ta' kejl**

Trid tintuża t-taqsima F511 jekk id-dejta tiġi rrapportata f'waħda mit-taqsimiet rikjesti tal-kwantità F502, F508B u F800. Ir-rata ta' għajnuna trid tiġi espressa fl-istess unità ta' kejl tal-kwantità rrapportata.

Format meħtieġ: 9…9.999999, fejn id-9 jindika ċifra minn 0 sa 9.

5.9 **F531: qawwa alkoħolika totali skont il-volum**

Espressa f' %vol/hl.

Format meħtieġ: 99.99, fejn id-9 jindika ċifra minn 0 sa 9.

5.10 **F532: qawwa alkoħolika naturali skont il-volum**

Espressa f' %vol/hl.

Format meħtieġ: 99.99, fejn id-9 jindika ċifra minn 0 sa 9.

5.11 **F533: żona ta' vitikultura**

Iż-żona ta' vitikultura kif iddefinita fl-Appendiċi 1 tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]).

Format meħtieġ: irid jiġi espress b'wieħed minn dawn il-kodiċijiet: A, B, CI, CII, CIIIA, CIIIB.

6 DEJTA B'RABTA MAL-VERIFIKI FUQ IL-POST:

Dan jikkonċerna l-ispezzjonijiet imwettqa għat-talba/għas-sena kalendarja rispettiva.

6.1 **F600: verifiki fuq il-post**

Il-"verifiki fuq il-post" imsemmija hawnhekk huma dawk indikati fir-Regolamenti rilevanti ([3]) għat-talba/għas-sena kalendarja kkonċernata. Dawn jinkludu ż-żjarat fiżiċi fl-azjenda agrikola (il-kodiċi "F" jew il-kodiċi "C") u/jew il-verifiki permezz tat-telerilevament (il-kodiċi "T") u, il-verifiki fiżiċi fuq il-post tal-oġġetti (il-kodiċi "G"), il-verifiki tas-sostituzzjoni (il-kodiċi "S") u l-verifiki speċifiċi tas-sostituzzjoni (il-kodiċi "U") għar-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni.

---

([1]) Il-kodiċijiet għandhom jingħataw f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013. Pereżempju: il-kodiċi **1a** għal nefqa li tikkontribwixxi għat-"trawwim tat-trasferiment tal-għarfien u tal-innovazzjoni fl-agrikoltura, il-forestrija u ż-żoni rurali, b'enfasi fuq it-trawwim tal-innovazzjoni, tal-kooperazzjoni, u tal-iżvilupp tal-bażi tal-għarfien fiż-żoni rurali".

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 809/2014 tas-17 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll, tal-miżuri tal-iżvilupp rurali u tal-kundizzjonalità (ĠU L 227, 31.7.2014, p. 69).
Ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 608).
Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 639/2014 tal-11 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lil bdiewa skont skemi ta' appoġġ fi ħdan il-qafas tal-politika agrikola komuni u li jemenda l-Anness X ta' dak ir-Regolament (ĠU L 181, 20.6.2014, p. 1).
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2159/89 tat-18 ta' Lulju 1989 fejn jingħaddu regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi għall-lewż u l-ħarrub li jaqgħu taħt it-Titolu IIa tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1035/72 (ĠU L 207, 19.7.1989, p. 19).
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1621/1999 tat-22 ta' Lulju 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/96 rigward l-għajnuna għat-tkabbir tal-għeneb biex jipproduċi ċerti varjetajiet ta' għeneb imqadded (ĠU L 192, 24.7.1999, p. 21).
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1276/2008 tas-17 ta' Diċembru 2008 dwar il-monitoraġġ, permezz ta' verifiki fiżiċi tal-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli li qegħdin jirċievu rifużjonijiet jew somom oħra (ĠU L 339, 18.12.2008, p. 53).
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 968/2006 tas-27 ta' Ġunju 2006 li jistipula regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 320/2006 li jistabbilixxi skema temporanja għar-ristrutturar tal-industrija taz-zokkor fil-Komunità (ĠU L 176, 30.6.2006, p. 32).

Fil-każ ta' żjarat multipli rigward l-istess miżura u għand l-istess produttur, irid isir rapport darba biss. Kull reġistrazzjoni, kemm jekk tkun ta' pagament bil-quddiem kif ukoll jekk tkun ta' pagament tal-bilanċ jew ta' xi pagament ieħor, li jista' jkollha x'taqsam ma' spezzjoni partikulari, għandu jkollha l-kodiċi xierqa fit-taqsima F600.

Format meħtieġ: "N" = l-ebda spezzjoni, "F" = spezzjoni fl-azjenda agrikola, "C" = verifiki tal-kundizzjonalità, "T" = spezzjoni permezz tat-telerilevament, "G" = kontroll tal-oġġetti fuq il-post, "S" = kontroll tas-sostituzzjoni u "U" = kontroll speċifiku tas-sostituzzjoni.

Għal spezzjoni fl-azjenda agrikola flimkien ma' spezzjoni tal-kundizzjonalità u/jew spezzjoni permezz tat-telerilevament; irid jintwera wieħed mill-kodiċijiet korrispondenti: "FT", "CT", "CF" jew "FTC".

Fil-każ ta' taħlita ta' verifiki għar-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni jrid jiġi indikat wieħed mill-kodiċijiet korrispondenti "GS", "GSU", "GU" jew "SU".

7 DEJTA MARBUTA MAL-INTITOLAMENTI GĦAL PAGAMENT:

Id-dejta li ġejja għandha tkun ipprovduta:

— L-ammont totali għal kull tip ta' intitolament għal pagament kif iddefinit fit-Titolu III tar-Regolament (KE) Nru 73/2009,

— L-informazzjoni finanzjarja dwar l-ammonti li ma jkunux tħallsu wara verifiki amministrattivi jew fuq il-post (kontrolli tal-IACS).

7.1 **F700: ammont tal-intitolament għal pagament f'euro**

L-ammont tal-intitolament għal pagament f'euro, jiġifieri l-ammont totali li jrid jitħallas fir-rigward tal-intitolamenti għal pagament kif iddefinit fit-Titolu III tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 wara li jkunu saru l-verifiki tal-IACS.

Format meħtieġ: +99… 99.99 jew -99… 99.99, fejn id-9 jindika ċifra minn 0 sa 9.

7.2 **F702: erja koperta bil-pagament li sar**

Għall-intitolamenti għal pagament abbażi tal-erjas: L-erja li għaliha jsir il-pagament.

Format meħtieġ: +99…99.99 jew -99…99.99, fejn id-9 jindika ċifra minn 0 sa 9.

Jekk pagament ikun magħmul minn intitolamenti normali u intitolamenti li jkunu soġġetti għal kundizzjonijiet speċjali, allura l-informazzjoni mitluba fil-punti 7.3 sa 7.6 tat-taqsima A) u fil-punti 7.7 sa 7.10 tat-taqsima B) trid timtela kif xieraq. Jekk taqsima ma tkunx tapplika, f'dik it-taqsima jrid jitniżżel il-valur NULL.

L-intitolamenti għal pagament imsemmija fil-punti 7.3 sa 7.12 huma dawk li ssemmew fit-Titolu III tar-Regolament (KE) Nru 73/2009:

(A) **Intitolamenti għal pagament abbażi tal-erjas (intitolamenti normali)**

7.3 **F703: ammont tal-intitolament għal pagament f'euro**

L-ammont totali f'euro tal-intitolament għal pagament kif ġie ppreżentat fit-talba.

Format meħtieġ: +99… 99.99 jew -99…99.99, fejn id-9 jindika ċifra minn 0 sa 9..

7.4 **F703A: erja koperta bl-applikazzjoni għal pagament ippreżentata**

L-erja "attivata" koperta bl-applikazzjoni għall-għajnuna. Għall-intitolamenti għal pagament ibbażati fuq l-erjas, din tkun l-erja "attivata", jiġifieri l-erja massima li tkun soġġetta għal pagament (ara wkoll l-Artikolu 57(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1122/2009 [1]).

Format meħtieġ: +99…99.99 jew -99…99.99, fejn id-9 jindika ċifra minn 0 sa 9.

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 112/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 fir-rigward tal-kundizzjonalità, il-modulazzjoni u s-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll, skont l-iskemi ta' appoġġ għall-bdiewa previsti għal dak ir-Regolament, kif ukoll għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tal-kundizzjonalità skont l-iskema ta' appoġġ prevista għas-settur tal-inbid (ĠU L 316, 2.12.2009, p. 65).

7.5 **F703B: erja ddeterminata**

L-erja ddeterminata bħala riżultat ta' verifiki amministrattivi jew fuq il-post.

Format meħtieġ: +99…99.99 jew -99…99.99, fejn id-9 jindika ċifra minn 0 sa 9.

7.6 **F703C: erja mhux misjuba**

Id-differenza bejn l-erja "attivata" li ġiet iddikjarata fl-applikazzjoni għall-għajnuna u dik misjuba bħala riżultat ta' verifiki amministrattivi jew fuq il-post.

Dikjarazzjoni eċċessiva ssir meta l-erja ddikjarata tkun akbar minn dik imkejla u rrapportata bħala ċifra pożittiva. Dikjarazzjoni insuffiċjenti ssir meta l-erja mkejla tkun akbar minn dik iddikjarata u rrapportata bħala ċifra negattiva.

Format meħtieġ: +99…99.99 jew -99…99.99, fejn id-9 jindika ċifra minn 0 sa 9.

(B) **Intitolamenti għal pagamenti li jkunu soġġetti għal kundizzjonijiet speċjali**

7.7 **F707: ammont tal-intitolament għal pagament f'euro**

L-ammont totali f'euro tal-intitolament għal pagament kif ġie ppreżentat fit-talba.

Format meħtieġ: +99… 99.99 jew -99… 99.99, fejn id-9 jindika ċifra minn 0 sa 9.

7.8 **F707A: numru ta' unitajiet ta' bhejjem (LU — livestock units) fil-perjodu ta' referenza**

Dan in-numru jirrappreżenta l-attività agrikola li tkun seħħet fil-perjodu ta' referenza espress f'LU f'konformità mal-Artikolu 44(2) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009.

Format meħtieġ: +99… 99.99 jew -99… 99.99, fejn id-9 jindika ċifra minn 0 sa 9.

7.9 **F707B: numru ta' LU ddikjarat**

Din it-taqsima trid turi n-numru eżatt ta' LU li ġie ddikjarat għas-sena kalendarja kkonċernata f'konformità mal-Artikolu 44(2) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009.

Format meħtieġ: +99… 99.99 jew -99… 99.99, fejn id-9 jindika ċifra minn 0 sa 9.

7.10 **F707C: numru ta' LU determinat**

In-numru ta' LU ddeterminat bħala riżultat ta' verifiki amministrattivi jew fuq il-post, sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-Artikolu 44(2) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009.

Format meħtieġ: +99… 99.99 jew -99… 99.99, fejn id-9 jindika ċifra minn 0 sa 9.

8 DEJTA ADDIZZJONALI MARBUTA MAR-RIFUŻJONIJIET FUQ L-ESPORTAZZJONI:

8.1 **F800: piż nett/kwantità netta**

Ara r-rimarka preliminari fl-intestatura 5 (id-dejta marbuta mal-prodotti).

Il-piż jew il-kwantità għandhom jiġu espressi permezz tal-unità tal-kejl. Fil-każ ta' prodotti pproċessati (oġġetti jew prodotti agrikoli pproċessati li mhumiex inklużi fl-Anness I): il-kwantità tal-ingredjent li hu eliġibbli għall-finanzjament. Meta l-kodiċi tal-oġġetti (F500) ikun fiha aktar minn ingredjent wieħed li jkun eliġibbli għall-finanzjament (F804), iridu jinħolqu reġistrazzjonijiet multipli li fihom jitniżżlu l-ammonti (F106) u l-kwantitajiet (F800) korrispondenti.

Format meħtieġ: +99…99.99 jew -99…99.99, fejn id-9 jindika ċifra minn 0 sa 9. B'possibbiltà li n-numru tad-deċimali jiżdied, jekk dan ikun sinifikanti. (massimu ta' 6).

## 8.2 F800B: unità tal-kejl għat-taqsima F800

Format meħtieġ: irid jiġi espress b'kodiċi magħmula minn karattru wieħed kif jidher fit-tabella li ġejja:

| Kodiċi | Tifsira |
|---|---|
| K | kilogramm |
| L | litru |
| P | biċċa (oġġett) |

## 8.3 F801: numru tal-applikazzjoni (rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni: DAU — Dokument Amministrattiv Uniku)

Din l-informazzjoni ssir aktar importanti aktar ma jkun iddettaljat in-numru tal-applikazzjoni li jingħata. Pereżempju, estensjoni tan-numru tal-applikazzjoni bħall-indikazzjoni tan-numru tal-ingredjent tippermetti identifikazzjoni iktar preċiża tad-dejta dwar ir-rifużjoni fuq l-esportazzjoni.

## 8.4 F802: uffiċċju doganali responsabbli għat-tqegħid taħt is-superviżjoni tad-dwana

L-Istati Membri jridu jużaw il-Lista tal-Uffiċċji Doganali ta' Tranżitu ([1]) (COL — Transit Customs Office List). Din hi l-lista tal-uffiċċji doganali li huma awtorizzati jagħmlu operazzjonijiet ta' tranżitu għall-Unjoni/komuni. Minħabba l-għan tagħha ta' "operazzjonijiet ta' tranżitu", jista' jagħti l-każ li wħud mill-uffiċċji doganali ma jkunux inklużi fiha għalkemm dan għandu jkun eċċezzjoni. F'dak il-każ, l-Istat Membru għandu jipprovdi l-isem sħiħ tal-uffiċċju doganali.

Format meħtieġ: Il-format tal-kodiċi tas-COL jikkonsisti minn żewġ pożizzjonijiet li jindikaw il-pajjiż (il-kodiċi tal-ISO ta' Stat Membru) segwit minn kodiċi ta' sitt karattri li tiddefinixxi l-uffiċċju doganali. Pereżempju "EE1000EE".

## 8.5 F802B: uffiċċju doganali tal-ħruġ

Irid jiġi indikat l-uffiċċju doganali li jiċċertifika li l-prodotti li għalihom tkun saret it-talba għal rifużjoni jkunu telqu mit-territorju doganali tal-Unjoni. L-Istati Membri jridu jużaw il-Lista tal-Uffiċċji Doganali ta' Tranżitu (COL). Din hi l-lista tal-uffiċċji doganali li huma awtorizzati jagħmlu operazzjonijiet ta' tranżitu għall-Unjoni/komuni. Minħabba l-għan tagħha ta' operazzjonijiet ta' tranżitu, jista' jagħti l-każ li wħud mill-uffiċċji doganali ma jkunux inklużi fiha għalkemm dan għandu jkun eċċezzjoni. F'dak il-każ, l-Istat Membru għandu jipprovdi l-isem sħiħ tal-uffiċċju doganali. Din l-informazzjoni hi vitali għall-awdituri f'dak li jikkonċerna l-verifiki tas-sostituzzjoni. L-informazzjoni hi disponibbli fid-dokument T5 jew f'dokumenti ekwivalenti.

Format meħtieġ: Il-format tal-kodiċi tas-COL jikkonsisti minn żewġ pożizzjonijiet li jindikaw il-pajjiż (il-kodiċi tal-ISO ta' Stat Membru) segwit minn kodiċi ta' sitt karattri li tiddefinixxi l-uffiċċju doganali. Pereżempju "GB000392".

## 8.6 F804: kodiċi tar-rifużjoni fuq l-esportazzjoni

Fil-każ ta' prodotti agrikoli mhux ipproċessati: Il-kodiċi ta' 12-il numru/karattru tal-prodott li għaliha tkun ġiet iffissata r-rifużjoni fuq l-esportazzjoni.

F'każijiet ta' prodotti pproċessati (oġġetti jew prodotti agrikoli pproċessati li mhumiex inklużi fl-Anness I): il-kodiċijiet tan-NM tal-ingredjenti li għalihom tkun ġiet iffissata r-rifużjoni fuq l-esportazzjoni. F'dan il-każ, fit-taqsima F500 trid titniżżel il-kodiċi tal-prodott finali. Għall-proċedura li trid tiġi segwita meta jkun hemm aktar minn ingredjent wieħed ta' prodott ipproċessat li jkun eliġibbli għal rifużjoni, ara wkoll in-nota ta' spjegazzjoni tat-taqsima F800.

([1]) http://ec.europa.eu/taxation_customs/dds2/col/col_home.jsp?Lang=en&redirectionDate=20110330

8.7 **F805: kodiċi għad-destinazzjoni**

Format meħtieġ: "XX", fejn X tirrappreżenta ittra bejn A u Z (il-kodiċijiet tan-nomenklatura tal-pajjiżi u tat-territorji għall-istatistika tal-kummerċ estern tal-Unjoni msemmija fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2020/2001 ([1])).

Fid-dawl tal-armonizzazzjoni, l-Istati Membri għandhom jużaw ukoll il-kategorija "mixxellanji" (il-kodiċijiet Q*) tan-nomenklatura tal-pajjiżi u tat-territorji għall-istatistika tal-kummerċ estern. Hu fatt magħruf li n-nomenklatura ma tkoprix il-każijiet speċjali kollha tar-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni, iżda l-Kummissjoni ma teżiġix dak it-tip ta' dettall. Għalhekk, qabel ma jibagħtu d-dejta tagħhom lill-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jibdlu l-kodiċijiet nazzjonali speċjali tagħhom għall-kategoriji usa' tan-nomenklatura tal-pajjiżi u tat-territorji għall-istatistika tal-kummerċ estern.

8.8 **F808: data tal-iffissar bil-quddiem**

Jekk ir-rifużjoni tkun iffissata bil-quddiem, id-data li fiha ġiet stabbilita r-rata tar-rifużjoni.

Format meħtieġ: "SSSSXXJJ" (is-sena f'erba' ċifri, ix-xahar f'żewġ ċifri, il-jum f'żewġ ċifri).

8.9 **F809: l-aħħar jum ta' validità (l-iffissar bil-quddiem)**

Format meħtieġ: "SSSSXXJJ" (is-sena f'erba' ċifri, ix-xahar f'żewġ ċifri, il-jum f'żewġ ċifri).

8.10 **F812: referenza tas-sejħa għall-offerti jekk applikabbli (l-iffissar bil-quddiem)**

Il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 234/2010 ([2]) jew proċedura simili għas-setturi l-oħrajn. Għandha tiġi pprovduta r-referenza tas-sejħa għall-offerti.

8.11 **F814: jum li fih tiġi aċċettata d-dikjarazzjoni tal-pagament (COM-7)**

Għas-settur taċ-ċanga: fil-każ ta' prefinanzjament, trid timtela t-taqsima F814 biss (u mhux it-taqsimiet F816 u F816B); jekk ma jkun hemm l-ebda prefinanzjament, iridu jimtlew it-taqsimiet F816 u F816B (u mhux it-taqsima F814).

Format meħtieġ: "SSSSXXJJ" (is-sena f'erba' ċifri, ix-xahar f'żewġ ċifri, il-jum f'żewġ ċifri).

8.12 **F816: data li fiha tiġi aċċettata d-dikjarazzjoni tal-esportazzjoni**

Id-data skont it-tifsira tal-Artikolu 5(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 612/2009 ([3]).

Format meħtieġ: "SSSSXXJJ" (is-sena f'erba' ċifri, ix-xahar f'żewġ ċifri, il-jum f'żewġ ċifri).

8.13 **F816B: data tal-esportazzjoni mit-territorju tal-Unjoni**

Id-data tal-esportazzjoni kif indikata fid-dikjarazzjoni tal-esportazzjoni jew fid-dokument T5.

Format meħtieġ: "SSSSXXJJ" (is-sena f'erba' ċifri, ix-xahar f'żewġ ċifri, il-jum f'żewġ ċifri).

---

([1]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2020/2001 tal-15 ta' Ottubru 2001 dwar in-nomenkaltura tal-pajjiżi u t-territorji għall-istatistika tal-kummerċ estern tal-Komunità u l-istatistika tal-kummerċ bejn l-Istati Membri (ĠU L 273, 16.10.2001, p. 6).

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 234/2010 tad-19 ta' Marzu 2010 li jistabbilixxi ċerti regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 dwar l-għotja ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' ċereali u l-miżuri li għandhom jittieħdu f'każ ta' disturb fis-suq taċ-ċereali (ĠU L 72, 20.3.2010, p. 3).

([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 612/2009 tas-7 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għall-applikazzjoni tas-sistema ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli (ĠU L 186, 17.7.2009, p. 1).

*ANNESS IV*

## L-istruttura tal-kodiċijiet baġitarji tal-FAEŻR (F109)

1. PERJODU TA' PROGRAMMAZZJONI TAL-FAEŻR 2007-2013:

### 1.1. Introduzzjoni

Għall-FAEŻR (perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013), hemm intestatura baġitarja waħda biss li hija ddefinita fin-nomenklatura baġitarja: "05040501".

Billi l-kodiċijiet baġitarji jista' jkun fihom sa 15-il ċifra, is-7 ċifri li jibqa' jistgħu jintużaw biex jiġu identifikati l-programmi u l-miżuri. Dan jippermetti r-rikonċiljazzjoni tad-dejta mis-sorsi differenti fil-livell tas-sena finanzjarja, tal-aġenzija tal-pagamenti, tal-miżura u tal-programm.

### 1.2. L-istruttura tal-kodiċijiet baġitarji

Il-kodiċijiet baġitarji jrid ikollhom l-istruttura li ġejja:

L-ewwel tmien ċifri ma jinbidlux: "05040501".

It-tliet ċifri li jmiss jindikaw il-miżura, skont il-lista mehmuża.

Iċ-ċifra li jmiss b'numru wieħed jista' jkollha l-valuri li ġejjin:

1 reġjun mhux ta' konverġenza

2 reġjun ta' konverġenza

3 reġjun ultraperiferiku

4 modulazzjoni volontarja

5 kontribut addizzjonali għall-Portugall

6 ammonti addizzjonali msemmija fl-Artikolu 69(5a) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005, reġjun mhux ta' konverġenza

7 ammonti addizzjonali msemmija fl-Artikolu 69(5a) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005, reġjun ta' konverġenza

Iċ-ċifra li jmiss tindika 0 = Programm Operattiv jew 1 = Programm tan-Netwerk.

L-aħħar żewġ ċifri jindikaw in-numru tal-programm: huma permessi ċifri bejn "01" u "99".

*Eżempju:*

F109 = "050405011132001" tfisser: intestatura baġitarja "05040501" (FAEŻR), miżura "113" (irtirar bikri), reġjun ta' konverġenża ("2"), Programm operazzjonali ("0") u n-numru tal-programm "01".

### 1.3. Il-lista tal-miżuri tal-FAEŻR (perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013)

ASSI 1: TITJIB TAL-KOMPETITTIVITÀ FIS-SETTUR TAL-AGRIKOLTURA U L-FORESTRIJA

| Kodiċi | Miżura |
|---|---|
| 111 | Taħriġ vokazzjonali u azzjonijiet ta' informazzjoni |
| 112 | Stabbiliment ta' bdiewa żgħażagħ |
| 113 | Irtirar bikri |

| Kodiċi | Miżura |
|---|---|
| 114 | Użu ta' servizzi konsultattivi |
| 115 | Stabbiliment ta' servizzi konsultattivi, ta' maniġment u ta' għajnuna |
| 121 | Modernizzar tal-azjendi agrikoli |
| 122 | Titjib tal-valur ekonomiku tal-foresti |
| 123 | Żieda tal-valur tal-prodotti agrikoli u tal-forestrija |
| 124 | Kooperazzjoni għall-iżvilupp ta' prodotti, proċessi u teknoloġiji ġodda fis-settur agrikolu u tal-ikel u fis-settur tal-forestrija |
| 125 | Infrastruttura relatata mal-iżvilupp u l-adattament tal-agrikoltura u tal-forestrija |
| 126 | Restawr tal-potenzjal tal-produzzjoni agrikola li tkun sofriet ħsara minħabba diżastri naturali u introduzzjoni ta' azzjonijiet xierqa ta' prevenzjoni |
| 131 | Ilħuq tal-istandards abbażi tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni |
| 132 | Parteċipazzjoni tal-bdiewa fl-iskemi tal-kwalità tal-ikel |
| 133 | Informazzjoni u attivitajiet ta' promozzjoni |
| 141 | Biedja b'semisussistenza |
| 142 | Gruppi tal-produtturi |
| 143 | Provdiment ta' servizzi ta' konsulenza u ta' estensjoni lill-azjendi agrikoli fil-Bulgarija u fir-Rumanija |
| 144 | Azjendi li għaddejjin minn ristrutturar minħabba riforma fl-organizzazzjoni komuni tas-swieq |

ASSI 2: TITJIB TAL-AMBJENT U TAL-KAMPANJA BIL-ĠESTJONI TAL-ART

| Kodiċi | Miżura |
|---|---|
| 211 | Pagamenti lill-bdiewa għall-iżvantaġġi naturali fiż-żoni muntanjużi |
| 212 | Pagamenti lill-bdiewa għall-iżvantaġġi ta' żoni li mhumiex żoni muntanjużi; |
| 213 | Pagamenti tan-Natura 2000 u pagamenti marbuta mad-Direttiva 2000/60/KE (Direttiva Qafas dwar l-Ilma) |
| 214 | Pagamenti agroambjentali |
| 215 | Pagamenti għat-trattament xieraq tal-annimali |
| 216 | Investimenti mhux produttivi |
| 221 | L-ewwel afforestazzjoni tal-art agrikola |
| 222 | L-ewwel twaqqif ta' sistemi agroforestali fuq art agrikola |

| Kodiċi | Miżura |
|---|---|
| 223 | L-ewwel afforestazzjoni ta' art mhux agrikola |
| 224 | Pagamenti tan-Natura 2000 |
| 225 | Pagamenti għall-foresti u l-ambjent |
| 226 | Restawr tal-potenzjal tal-forestrija u introduzzjoni ta' azzjonijiet ta' prevenzjoni |
| 227 | Investimenti mhux produttivi |

ASSI 3: TITJIB TAL-KWALITÀ TAL-ĦAJJA FIŻ-ŻONI RURALI U TĦEĠĠIĠ TAD-DIVERSIFIKAZZJONI TAL-ATTIVITÀ EKONOMIKA

| Kodiċi | Miżura |
|---|---|
| 311 | Diversifikazzjoni f'attivitajiet mhux agrikoli |
| 312 | Ħolqien u żvilupp ta' negozju |
| 313 | Tħeġġiġ ta' attivitajiet turistiċi |
| 321 | Servizzi bażiċi għall-ekonomija u għall-popolazzjoni rurali |
| 322 | Tiġdid u żvilupp tal-irħula |
| 323 | Konservazzjoni u titjib tal-wirt rurali |
| 331 | Taħriġ u informazzjoni |
| 341 | Kisba ta' ħiliet, animazzjoni u implimentazzjoni ta' strateġiji għall-iżvilupp lokali |

ASSI 4: LEADER

| Kodiċi | Miżura |
|---|---|
| 411 | Implimentazzjoni ta' strateġiji għall-iżvilupp lokali. Kompettività |
| 412 | Implimentazzjoni ta' strateġiji għall-iżvilupp lokali. Ġestjoni tal-ambjent/ tal-art |
| 413 | Implimentazzjoni ta' strateġiji għall-iżvilupp lokali. Kwalità tal-ħajja/diversifikazzjoni |
| 421 | Implimentazzjoni ta' proġetti ta' kooperazzjoni |
| 431 | Tmexxija tal-grupp ta' azzjoni lokali, il-kisba ta' ħiliet u l-animazzjoni tat-territorju kif imsemmi fl-Artikolu 59 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 |

5: ASSISTENZA TEKNIKA

| Kodiċi | Miżura |
|---|---|
| 511 | Assistenza teknika |

6: SUPPLIMENT GĦAL PAGAMENTI DIRETTI LILL-BULGARIJA U LIR-RUMANIJA

| Kodiċi | Miżura |
|---|---|
| 611 | Suppliment għal pagamenti diretti |

2. PERJODU TA' PROGRAMMAZZJONI TAL-FAEŻR 2014-2020:

## 2.1. Introduzzjoni

Għall-FAEŻR (perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020), hemm intestatura baġitarja waħda biss iddefinita fin-nomenklatura baġitarja: "05046001".

Billi l-kodiċijiet baġitarji jista' jkun fihom sa 15-il ċifra, is-7 ċifri li jibqa' jistgħu jintużaw biex in-nefqa tiġi identifikata aktar. Dan jippermetti r-rikonċiljazzjoni tad-dejta minn *sorsi differenti fil-livell tas-sena finanzjarja, tal-aġenzija tal-pagamenti, tal-miżura u tal-programm*.

## 2.2. L-istruttura tal-kodiċijiet baġitarji

Il-kodiċijiet baġitarji jrid ikollhom l-istruttura "05046001 MM RRR PP". L-ewwel tmien ċifri ma jinbidlux u huma "05046001". Iż-żewġ ċifri li jmiss "MM" jindikaw il-miżura.

| Kodiċi | Miżura [1] |
|---|---|
| 01 | Trasferiment tal-għarfien u azzjonijiet ta' informazzjoni (l-Artikolu 14) |
| 02 | Servizzi konsultattivi, ġestjoni tal-azjendi agrikoli u servizzi ta' skambju tal-azjendi agrikoli (l-Artikolu 15) |
| 03 | Skemi ta' kwalità għal prodotti agrikoli, u oġġetti tal-ikel (l-Artikolu 16) |
| 04 | Investimenti f'assi fiżiċi (l-Artikolu 17) |
| 05 | Restawr tal-potenzjal tal-produzzjoni agrikola li saritlu ħsara b'diżastri naturali u naturali u avvenimenti katastrofiċi u l-introduzzjoni ta' azzjonijiet ta' prevenzjoni xierqa (l-Artikolu 18) |
| 06 | Żvilupp tal-azjenda agrikola u tan-negozju (l-Artikolu 19) |
| 07 | Servizzi bażiċi u tiġdid tal-irħula f'żoni rurali (l-Artikolu 20) |
| 08 | Investimenti fl-iżvilupp taż-żoni forestali u titjib tal-vijabbiltà tal-foresti (l-Artikoli 21 sa 26) |
| 09 | Stabbiliment ta' gruppi ta' produtturi u organizzazzjonijiet (l-Artikolu 27) |
| 10 | Agroambjent — klima (l-Artikolu 28) |
| 11 | Biedja Organika (l-Artikolu 29) |
| 12 | Pagamenti skont Natura 2000 u d-Direttiva Qafas dwar l- Ilma (l-Artikolu 30) |
| 13 | Pagamenti għal żoni li jiffaċċjaw restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet speċifiċi oħra (l-Artikoli 31 u 32) |
| 14 | Trattament xieraq tal-annimali (l-Artikolu 33) |
| 15 | Servizzi ambjentali u klimatiċi b'rabta mal-foresti u l- konservazzjoni tal-foresti (l-Artikolu 34) |

| Kodiċi | Miżura [1] |
|---|---|
| 16 | Kooperazzjoni (l-Artikolu 35) |
| 17 | Ġestjoni tar-riskju (l-Artikoli 36 sa 39) |
| 18 | Finanzjament ta' pagamenti diretti nazzjonali kumplementari għall-Kroazja (l-Artikolu 40) |
| 19 | Appoġġ għall-iżvilupp lokali LEADER (CLLD żvilupp lokali mmexxi mill-Komunità) (l-Artikoli 42, 43 u 44) |
| 20 | Assistenza teknika (l-Artikolu 51) |
| 97 | 113 — Irtirar bikri [2] |
| 98 | 131 — Ilħuq tal-istandards abbażi tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni [2] |
| 99 | 341 — Kisba ta' ħiliet, animazzjoni u implimentazzjoni ta' strateġiji ta' żvilupp lokali [2] |

(1) Issir referenza għall-Artikolu rispettiv tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013.
(2) Miżura li ma tkomplietx mill-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013.

It-tliet ċifri li jmiss "RRR" jindikaw it-taħlita ta' Artikoli biex tiġi stabbilita r-rata massima tal-kontribuzzjoni tal-FAEŻR:

— L-ewwel ċifra għal "Kategorija tar-rati ta' kontribuzzjoni";

— It-tieni ċifra għal "Derogi/Allokazzjonijiet oħrajn";

— It-tielet ċifra għall-applikabbiltà tal-Artikoli 59(4)(d) [1] u (4)(g) [1] u l-Artikolu (24)(1) [2].

| L-ewwel ċifra | Artikolu [1] | Kategorija tar-rati ta' kontribuzzjoni |
|---|---|---|
| 1 | 59(3)(a) | Ir-reġjuni inqas żviluppati, ir-reġjuni ultraperiferiċi u fil-gżejjer iż-żgħar tal-Eġew skont it-tifsira tar-Regolament (KEE) Nru 2019/93 |
| 2 | 59(3)(b) | Ir-reġjuni kollha li l-PDG tagħhom *per capita* għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 kien inqas minn 75 % tal-medja tal-UE-25 għall-perjodu ta' referenza, iżda li l-PDG tagħhom per capita huwa ogħla minn 75 % tal-medja tal-PDG tal-UE-27 |
| 3 | 59(3)(c) | Reġjuni fi tranżizzjoni minbarra dawk imsemmija fl-Artikolu 59(3)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 |
| 4 | 59(3)(d) | Reġjuni oħra |
| 5 | — | Miżura li ma tkomplietx |

(1) Issir referenza għall-Artikolu rispettiv tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013.

(1) Issir referenza għall-Artikolu rispettiv tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013.
(2) Issir referenza għall-Artikolu rispettiv tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

| It-tieni ċifra | Artikolu [1] | Derogi/Allokazzjonijiet oħrajn |
|---|---|---|
| 1 | — | Ġenerali |
| 2 | 59(4)(a) | Il-miżuri msemmija fl-Artikoli 14, 27 u 35 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013, għall-iżvilupp lokali ta' LEADER imsemmi fl-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 u għall-operazzjonijiet skont l-Artikolu 19(1)(a)(i) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 |
| 3 | 59(4)(b) | L-operazzjonijiet li qed jikkontribwixxu għall-objettivi tal-ambjent, u għall-mitigazzjoni u għall-adattament tat-tibdil fil-klima |
| 4 | 59(4)(c) | Strumenti finanzjarji fil-livell tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 38(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 |
| 5 | 59(4)(e) | L-operazzjonijiet li qed jirċievu finanzjament mill-fondi li ġew ittrasferiti għall-FAEŻR bl-applikazzjoni tal-Artikoli 7(2) u 14(1) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 |
| 6 | 59(4)(f) | Allokazzjoni addizzjonali għall-Portugall u għal Ċipru |
| 7 | — | L-aġġustament volontarju skont l-Artikoli 10b u 136 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 |

(1) Issir referenza għall-Artikolu rispettiv tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013.

| It-tielet ċifra | Strumenti finanzjarji fil-livell tal-Istati Membri — l-Artikolu 59(4)(d) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 | Assistenza finanzjarja — l-Artikolu 59(4)(g) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013) | Diffikultajiet baġitarji temporanji — l-Artikolu 24(1) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013) |
|---|---|---|---|
| 1 | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli |
| 2 | Applikabbli | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli |
| 3 | Mhux applikabbli | Applikabbli | Mhux applikabbli |
| 4 | Applikabbli | Applikabbli | Mhux applikabbli |
| 5 | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli | Applikabbli |
| 6 | Applikabbli | Mhux applikabbli | Applikabbli |
| 7 | Mhux applikabbli | Applikabbli | Applikabbli |
| 8 | Applikabbli | Applikabbli | Applikabbli |

L-aħħar żewġ ċifri “PP” jindikaw in-numru tal-programm (huma permessi ċifri bejn iż-“00” u d-“99”) u fejn:

| | |
|---|---|
| 00 | jindika l-programm Nazzjonali |
| minn 01 sa 98 | jindikaw il-programmi reġjonali |
| 99 | jindika l-programm tan-Netwerk Rurali |

*Eżempju:*

F109 = 05046001 01 431 01 tfisser:

05046001: intestatura baġitarja tal-“FAEŻR” għall-perjodu ta’ programmazzjoni 2014-2020;

01: il-miżura “Azzjonijiet ta’ informazzjoni u trasferiment tal-għarfien (l-Artikolu 14)”;

4: “59(3)(d) — Reġjunijiet oħra”;

3: “59(4)(b) — Operazzjonijiet li qed jikkontribwixxu għall-objettivi tal-ambjent, u tal-mitigazzjoni u tal-adattament tat-tibdil fil-klima”;

1: L-Artikoli 59(4)(d) u (4)(g) u l-Artikolu (24)(1) mhumiex applikabbli;

01: programm reġjonali numru “01”.

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1533

## tal-15 ta' Settembru 2015

## li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissal-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

(2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Settembru 2015.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

*ANNESS*

**Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi tan-NM | Kodiċi tal-pajjiż terz (1) | Valur standard tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | MA | 188,3 |
| | MK | 51,7 |
| | XS | 48,7 |
| | ZZ | 96,2 |
| 0707 00 05 | MK | 57,9 |
| | TR | 126,8 |
| | ZZ | 92,4 |
| 0709 93 10 | TR | 125,4 |
| | ZZ | 125,4 |
| 0805 50 10 | AR | 138,9 |
| | BO | 136,6 |
| | CL | 124,9 |
| | UY | 86,3 |
| | ZA | 145,8 |
| | ZZ | 126,5 |
| 0806 10 10 | EG | 178,1 |
| | TR | 132,1 |
| | ZZ | 155,1 |
| 0808 10 80 | AR | 121,5 |
| | BR | 92,3 |
| | CL | 161,5 |
| | NZ | 140,1 |
| | US | 113,3 |
| | ZA | 134,6 |
| | ZZ | 127,2 |
| 0808 30 90 | AR | 131,8 |
| | CL | 102,0 |
| | CN | 82,3 |
| | TR | 121,8 |
| | ZA | 191,6 |
| | ZZ | 125,9 |
| 0809 30 10, 0809 30 90 | MK | 62,4 |
| | TR | 152,9 |
| | ZZ | 107,7 |
| 0809 40 05 | BA | 51,6 |
| | MK | 57,7 |
| | XS | 61,9 |
| | ZZ | 57,1 |

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 tas-27 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-aġġornament tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji (ĠU L 328, 28.11.2012, p. 7). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2015/1534

**tas-7 ta' Mejju 2015**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fl-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali matul it-68 sessjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent Marin u matul il-95 sessjoni tal-Kumitat tas-Sikurezza Marittima dwar l-adozzjoni ta' emendi għall-MARPOL, is-SOLAS u l-Linji Gwida tal-2009 dwar is-sistemi għat-tindif tal-gass tal-egżost**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2) u l-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) L-azzjoni mill-Unjoni fis-settur tat-trasport marittimu għandu jkollha l-għan li ttejjeb is-sigurtà marittima u tipproteġi l-ambjent marin.

(2) Il-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar (MEPC) tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI), li ltaqa' matul is-67 sessjoni tiegħu, approva emendi għall-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis minn Vapuri (MARPOL). Dawk l-emendi huma mistennija jiġu adottati matul it-68 sessjoni tal-MEPC, li ser issir f'Mejju 2015.

(3) Is-Sottokumitat tal-OMI dwar il-Prevenzjoni u r-Reazzjoni għat-Tniġġis (PPR) li ltaqa' matul it-tieni sessjoni tiegħu approva abbozz ta' emendi għal-Linji Gwida tal-2009 għal sistemi għat-tindif tal-gass tal-egżost ("il-Linji Gwida tal-2009"). Dawk l-emendi huma mistennija jiġu adottati matul it-68 sessjoni tal-MEPC, li ser issir f'Mejju 2015.

(4) Il-Kumitat tas-Sigurtà Marittima (KSM) tal-OMI, li ltaqa' matul l-94 sessjoni tiegħu, approva emendi għall-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar (SOLAS). Dawk l-emendi huma mistennija jiġu adottati fil-95 sessjoni tal-KSM, li ser issir f'Ġunju 2015.

(5) L-emendi għall-Annessi I u II għall-MARPOL ser jintroduċu miżuri assoċjati mal-adozzjoni tal-abbozz ta' Kodiċi Internazzjonali għal vapuri li joperaw f'ilmijiet polari (il-"Kodiċi Polari"), sabiex il-Kodiċi Polari ssir mandatorja. Il-Kodiċi Polari testendi l-projbizzjoni attwali tal-MARPOL tal-iskariki ta' żejt/likwidi noċivi fl-antartiku sal-ilmijiet polari. L-Artikolu 4 tad-Direttiva 2005/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1], flimkien mal-Artikolu 3(1) tiegħu, jipprevedi li l-Istati Membri huma obbligati jiżguraw li l-iskariki ta' sustanzi li jniġġsu li ġejjin minn vapuri, inkluż każijiet minuri ta' skariki bħal dawn, jitqiesu bħala ksur jekk jitwettqu b'intenzjoni, b'imprudenza jew b'negliġenza serja. L-Artikolu 5(1) ta' dik id-Direttiva jipprevedi li skariku ta' sustanzi li jniġġsu ma għandux jitqies bħala ksur bħal dan jekk jissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti, fost l-oħrajn, fl-Anness I, ir-Regolamenti 15 u 34 tal-MARPOL. Ir-Regolament 15 kif ukoll ir-Regolament 34 huma fost ir-Regolamenti tal-MARPOL li ser jinbidlu mal-adozzjoni tal-emendi stabbiliti fl-Anness 11 tad-Dokument MEPC 67/20 tal-OMI. Għaldaqstant, dawk l-emendi ser jaffettwaw il-kamp ta' applikazzjoni ta' ksur skont id-Direttiva 2005/35/KE u, għalhekk, jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni.

(6) L-emendi għal-Linji Gwida tal-2009 ser jintroduċu l-użu ta' metodoloġija bbażata fuq il-kalkolu għall-ittestjar ta' scrubbers konnessi ma' elementi ta' makkinarju tal-vapuri li ma jistgħux jiġu ttestjati b'tagħbijiet għoljin, jew li saħansitra ma jistgħux jiġu ttestjati waqt li jkunu "wieqfa f'port". L-Artikolu 4c u l-Anness II għad-Direttiva tal-Kunsill 1999/32/KE [2] ikopru dawk il-kwistjonijiet u l-Anness II huwa derivat mil-Linji Gwida tal-2009 li ser jiġu emendati.

---

[1] Id-Direttiva 2005/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar it-tniġġis ikkawżat minn vapuri u l-introduzzjoni ta' sanzjonijiet għal ksur, inklużi penalitajiet kriminali, għal reati ta' tniġġis (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 11).

[2] Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/32/KE tas-26 ta' April 1999 dwar it-tnaqqis tal-kontenut tal-kubrit f'ċerti karburanti likwidi u li temenda d-Direttiva 93/12/KEE (ĠU L 121, 11.5.1999, p. 13).

(7) L-emendi għar-Regolament II-2/20.3.1.2.1 tas-SOLAS ser jippermettu l-operazzjoni tal-fannijiet ta' ventilazzjoni b'għadd imnaqqas ta' tibdiliet tal-arja meta tkun qed titħaddem sistema ta' kontroll għall-kwalità tal-arja għall-vapuri tal-passiġġieri fl-ispazji tal-vetturi, tal-kategoriji speċjali u tar-ro-ro. Punt (a)(i) tal-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2009/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) jipprevedi li vapuri tal-passiġġieri ġodda tal-Klassi A għandhom jikkonformaw b'mod sħiħ mar-rekwiżiti tas-SOLAS, inkluż ir-Regolament II-2/20.3 tas-SOLAS. Għaldaqstant, l-emendi li ser jiġu adottati ser ikollhom effett legali dirett fuq id-Direttiva 2009/45/KE. Sa fejn dawk l-emendi jaffettwaw lill-vapuri tal-passiġġieri li jkunu qed jagħmlu vjaġġi domestiċi, dawk l-emendi jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni.

(8) L-Unjoni mhix membru tal-OMI u lanqas mhi parti kontraenti għall-konvenzjonijiet ikkonċernati. Huwa għalhekk meħtieġ li l-Kunsill jawtorizza lill-Istati Membri biex jesprimu l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni u biex jesprimu l-kunsens tagħhom li jintrabtu b'dawk l-emendi, sa fejn dawn jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni matul it-68 sessjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar tal-OMI għandha tkun li taqbel mal-adozzjoni ta':

(i) l-emendi għall-Annessi I u II tal-MARPOL kif stabbiliti fl-Anness 11 għad-Dokument MEPC 67/20 tal-OMI;

(ii) l-emendi għal-Linji Gwida tal-2009 dwar is-sistemi għat-tindif tal-gass tal-egżost kif stabbiliti fl-Anness 1 għad-Dokument PPR 2/21 tal-OMI.

*Artikolu 2*

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-95 sessjoni tal-Kumitat tas-Sigurtà Marittima tal-OMI għandha tkun li taqbel mal-adozzjoni tal-emendi

— għar-Regolament II-2/20.3.1.2.1 tas-SOLAS kif stabbilit fl-Anness 11 għad-Dokument MSC 94/21/add.1 tal-OMI.

*Artikolu 3*

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni kif stabbilit fl-Artikoli 1 u 2 għandha tiġi espressa mill-Istati Membri, li huma membri tal-OMI billi jaġixxu b'mod konġunt fl-interess tal-Unjoni.

*Artikolu 4*

Jista' jsir qbil dwar bidliet formali u minuri fil-pożizzjonijiet msemmija fl-Artikoli 1 u 2 mingħajr ma jkun hemm il-ħtieġa li jiġu emendati dawk il-pożizzjonijiet.

*Artikolu 5*

L-Istati Membri huma b'dan awtorizzati li jagħtu l-kunsens tagħhom li jintrabtu, fl-interess tal-Unjoni, bl-emendi msemmija fl-Artikoli 1 u 2, sa fejn dawn jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni.

([1]) Id-Direttiva 2009/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar regoli u standards ta' sigurtà għal vapuri tal-passiġġieri (ĠU L 163, 25.6.2009, p. 1).

*Artikolu 6*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Mejju 2015.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

E. RINKĒVIČS

# RETTIFIKA

## Rettifika għad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1509 tal-4 ta' Settembru 2015 li taħtar membru supplenti Taljan fil-Kumitat tar-Reġjuni

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 236 tal-10 ta' Settembru 2015)*

Fil-paġna tal-werrej:

*minflok:* "Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1509 tal-4 ta' Settembru 2015 li taħtar membru supplenti Taljan fil-Kumitat tar-Reġjuni",

*aqra:* "Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1509 tas-7 ta' Settembru 2015 li taħtar membru supplenti Taljan fil-Kumitat tar-Reġjuni";

f'paġna 7, it-titolu:

*minflok:* "Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1509 tal-4 ta' Settembru 2015 li taħtar membru supplenti Taljan fil-Kumitat tar-Reġjuni",

*aqra:* "Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1509 tas-7 ta' Settembru 2015 li taħtar membru supplenti Taljan fil-Kumitat tar-Reġjuni";

f'paġna 7, post u data tal-firma:

*minflok:* "Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Settembru 2015.",

*aqra:* "Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Settembru 2015.".

---

## Rettifika għad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1510 tal-4 ta' Settembru 2015 li taħtar membru Estonjan u membru supplenti Estonjan fil-Kumitat tar-Reġjuni

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 236 tal-10 ta' Settembru 2015)*

Fil-paġna tal-werrej:

*minflok:* "Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1510 tal-4 ta' Settembru 2015 li taħtar membru Estonjan u membru supplenti Estonjan fil-Kumitat tar-Reġjuni",

*aqra:* "Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1510 tas-7 ta' Settembru 2015 li taħtar membru Estonjan u membru supplenti Estonjan fil-Kumitat tar-Reġjuni";

f'paġna 8, it-titolu:

*minflok:* "Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1510 tal-4 ta' Settembru 2015 li taħtar membru Estonjan u membru supplenti Estonjan fil-Kumitat tar-Reġjuni",

*aqra:* "Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1510 tas-7 ta' Settembru 2015 li taħtar membru Estonjan u membru supplenti Estonjan fil-Kumitat tar-Reġjuni";

f'paġna 8, il-post u d-data tal-firma:

*minflok:* "Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Settembru 2015.",

*aqra:* "Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Settembru 2015.".

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT